# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 7**

**Citaz. Nru. 574/93E1GV**

Doc. 158-01

**Brigitte mart Richard Vella minnu 'de facto' isseparata**

**-vs-**

**Richard Vella u John u Dorothy Vella u b'digriet tas-26 ta' Marzu, 1997, stante l-mewt ta' John Vella l-atti gew trasfuzi f'isem Richard Vella u Dorothy Vella**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

**I**

Premess Illi b'citazzjoni prezentata fis-17 ta' Mejju, 1993, l-attrici premettiet illi kienet izzewget mal-konvenut Richard Vella fit-3 ta' Novembru, 1984, u minhabba dissidji matrimonjali, kagjonati primarjament minn adulterju flagranti tal-istess zewghha ma' mara ohra, hija kellha tibda u tistitwixxi kawza ghas-separazzjoni, fl-ismijiet Brigitte Vel1a pro et noe. vs. Richard Vella (Citaz. Nru. 1100/92) li ghadha pendenti quddiem din l-istess Qorti ;

Premess illii kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza s-somma li hi kienet inghatat bhala dota mill-genituri tal-attrici fl-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) kif ukoll somma ohra ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) li l-attrici gabet maghha minn dak li kienet lahqet faddlet qabel iz-zwieg, gew imhallsa lill-konvenut John Vella bhala parti mill-bilanc tal-prezz tal-akkwiist tal-fond Jodorida, Triq il-Gardiel, Marsaskala, li l-konvenut Richard Vella kien xtara minghand il-konvenut John Vella missieru, qabel iz-zwieg u precizament b' kuntratt tal-24 t'Ottubru, 1984 {ara ricerki - Dok.A) }

Premess ukoll illi ammont iehor ta' madwar hames mitt lira Maltija (Lm500) kien jithallas kull sena lill-konvenut John VeIla mill-qliegh tal-attrici u l-konvenut Richard Vella, mill-impieg rispettiv taghhom, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana dejjem biex jithallas il-bilanc tal-prezz fuq l-istess dar fuq imsemmija, liema fondi thallsu mill-komunjoni tal-akkwisti, li allura gie kellha kreditu fuq l-assi parafernali u personali tal-konvenut Richard Vella;

Premess illi b' kuntratt tal-4 ta' Mejju, 1989, il-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella kienu taw b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenut l-iehor Richard Vella, il-fond numru 9, St. Joseph Street, Zejtun (ara ricerki Dok. A), liema fond, trattandosi ta' donazzjoni, kien jifforma parti mill-assi partikolari tal-konvenut Richard Vella , liema assi pero' kellu dejn versu l-assi partikolari tal-attrici, kif ukoll versu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u zewgha l-konvenut Richard Vella ;

Premess ukoll wara li bdew il-proceduri ghas-separazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut Richard Vella, il-konvenuti b'kolluzjoni u ftehim bejnithom ghamlu minn kollox biex jiddefrawdaw lill-attrici mid-drittijiet taghha u ghalhekk saru zewg kuntratti ohra u cioe' wiehed fis-6 ta' Ottubru, 1992, bejn it-tlett konvenuti, li bih giet rexxissa d-donazzjoni li kienet maghmula mill-konjugi John u Dorothy Vella favur il-konvenut Richard Vella, tal-fond numru 9, St. Joseph Street, Zejtun, maghmula bil-kuntratt fuq imsemmi; u l-iehor tad-29 ta' Dicembru, 1992, li bih il-konvenut Richard Vella

assenja lill-konvenut John Vella, missieru, b'titolu ta' "*Datio in solutum*", il-fond u dar tar-residenza konjugali li fih ghadha tabita l-attrici; Jodorida, Triq il-Gardiel, Marsaskala;

Premess illi b' hekk il-konvenut Richard Vella, frawdolentement gie spussessat ghal kollox minn kull proprjeta' immobbli li fuqha l-attrici setghet tesegwixxi eventwalment il-pretensjonijiet taghha ghad-divizjoni u hlas ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u tal-assi parafernali taghha, fil-kawza ta' separazzjoni li ghandha pendenti u ghalhekk kollox sar ghad-dannu taghha u biex hi tigi defrawdata fid-drittijiet taghha;

Premess li jidher car li dak li sar, sar b' kolluzjoni bejn il-konvenuti u biex jippregudika lill-attrici, tant li l-konveut John Vella, b'ittra legali tal-5 ta' Jannar, 1993 (Dok.B) intima lill-attrici u lil zewgha biex johorgu mid-dar konjugali, hu kien jaf ben tajjeb li l-konvenut Richard Vella gja' ma ghadux jghix hemm u li hija l-attrici, li flimkien ma' bintha minuri Diana Vella, li ghadha tghix hemm wahedha;

Premess illi l-konvenuti, interpellati bi protest gudizzjarju biex jirrexxindu iz-zewg atti notarili fuq imsemmija, baqghu inadempjenti .

L-attrici talbet lill-Qorti sabiex:-

Tiddikjara u tiddeciedi:

1. Li l-kuntratt tas-6 t'Ottubru, 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, bejn it-tlitt konvenuti , li bih giet rexxissa id-donazzjoni li kienet giet maghmula mill-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella b'kuntratt ta' donazzjoni tal-4 ta' Mejju, 1989 tal-fond 9, St. Joseph Street, Zejtun, kif ukoll il-kuntratt tad-29 ta' Dicembru, 1992, li fih il-konvenut Richard Vella ta b'titolu ta' "*datio in solutum*" lill-missieru il-konvenut John Vella, il-fond, Jodorida, Triq i1-Gardiel, Marsascala, fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler, saru t-tnejn biex tigi

defrawdata l-attrici fil-krediti u pretensjonijiet taghha ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali taghha, fil-kawza ta' separazzjoni gja minnha mibdija, kif fuq inghad ;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija zewg kuntratti huma nulli u bla effett u konsegwentement tordna ir-rexxissjoni taghhom, it-thassir u l-annullament taghhom, u

3. Okkorrendo tinnomina Nutar pubbliku, biex jippubblika l-atti ta' rexxissjoni u thassir opportuni, fid-data, jum u lok li din il-Qorti joghogobha tiffissa ghal dan l-iskop; u

4. Okkorrendo tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-protest gudizzjarju kontra l-konvenuti.

**ECCEZZJONIJIET KONJUGI VELLA**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet il-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella eccepew is-segwenti (a fol 23):-

1. Illli, preliminarjament, l-attrici ghandha tipprova n-natura u l-'*quantum*' tal-krediti pretizi minnha u li dawn il-krediti, jekk verament jezistu, ma jistghux jigu sodisfatti mill-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn il-konvenut Richard Vella.

2. Illi, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istes attrici, stante illi, kif ser jigi pruvat aktar

dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti m'agixxewx bi frodi kontra l-attrici, jew ghall-argument ukoll kontra binhom il-konvenut Richard Vella, izda semplicement in kawtela u ezekuzzjoni tad-drittijiet taghhom skond il-ligi.

3. Salv ecezjonijiet ohra.

Illi fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa man-nota tal-eccezzjonijiet minnhom prezentata il-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella esponew is-segwenti fatti:-

1. Illi l-esponenti qatt ma rcevew ebda pagament, la minn binhom il-konvenut Richard Vella u wisq anqas minn martu l-attrici, akkont tad-debitu dovut mill-istess konvenut Richard Vella bhala prezz, u imghaxijiet relattivi, tal-fond 'Jodorida', Triq il-Gardiel, Marsascala. Dan il-fond kien, in oltre, inbiegh lill-konvenut Richard Vella qabel iz-zwieg tieghu mal-attrici.

2. Illi in vista tal-inadempjenza tal-konvenut Richard Vella, ghalhekk, gie ffirmat il-kuntratt tad-29 ta' Dicembru, 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Fleri Soler, sabiex jigu sodisfatti d-drittijiet privileggjati tal-esponenti skond il-ligi.

3. Illi anke fir-rigward tal-fond 9, St. Joseph Street, Zejtun. Din hija l-propjeta' residenzjali tal-esponenti u giet ittrasferita lit-tifel Richard Vella b'titolu ta' donazzjoni. Ir-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt ukoll sar validament skond kif tippermetti l-ligi.

4. Illi l-esponenti qatt ma agixxew bi frodi kontra l-attrici, jew, ghas-sahha tal-argument, kontra binhom il-konvenut Richard Vella, izda semplicement in kawtela u ezekuzzjoni tad-drittijiet legali taghhom.

5. Illi ghall-kuntrarju irid jigi stabbilit l-ewwel, jekk u ghal kemm jammonta l-kreditu pretiz mill-attrici, billi jekk verament jezisti dan il-kreditu, jista' jigi sodisfatt mill-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti Richard u Brigitte Vella waqt iz-zwieg taghhom.

**ECCEZZJONIJIET RICHARD VELLA**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet (a fol. 19) il-konvenut Richard Vella eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li mhux minnu dak li qed tallega l-attrici fic-citazzjoni taghha u cioe' li hija tinsab kreditrici tal-konvenut esponenti f'xi somma ta' flus. Li jista' ikun li ghandha l-attrici, jekk ma tilfitx ukoll dan id-dritt huwa sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-esponenti, liema sehemha huwa arci kopert billi jikkonsisti fi flus li l-attrici stess zbankat mill-kont bankarju li kellhom bejniethom jew f'isem wiehed minnhom ma' bank kummercjali Malti.

2. Illi in kwantu ghall-allegazzjoni tal-attrici li hija jew ahna flimkien hallasna lill-konvenut l-iehor xi somma flus, kemm minn dak li huwa parafernali taghha u kemm minn dak li huwa tal-komunjoni tal-akkwisti, din hija ghal kollox inveritjera u ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

3. La l-attrici ma ghandhiex kreditu kontra l-esponenti allura ma tissusistiex il-bazi tal-azzjoni attrici ai termini tal-artiklu 1144 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa man-nota tal-eccezzjonijiet minnu prezentata il-konvenut espona s-segwenti fatti:-

1. Illi huwa minnu illi l-attrici u jien ikkontrattajna zwieg bejnietna u li hemm kawza ta' separazzjoni bejnietna. Kwantu huwa validu dan iz-zwieg jien ghandi r-riservi tieghi u konsegwentement allura nirriserva ruhi ampjament dwar dan il-punt.

2. Jien nghid li l-attrici qatt ma kienet kreditrici tieghi. Mhux minnu illi hija qatt hallset is-somma ta' Lm3,000 li qed tallega li hallset lil missieri; lanqas ma huwa minnu illi hallsitu s-somma ta' Lm500 u is-somom ta' hames mijiet ta' liri kif qed tallega l-attrici.

3. Li naf, anzi, huwa li l-attrici kellha f'ismiha kont, b'depozitu fiss mal-bank, u din irtirat kollox. Dan gara recentement. Dan il-kont kienet tiddeposita fih flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnietna u ghalhekk jekk hemm xi kreditur huwa jien ghal parti minn dan l-ammont u mhux l-attrici kontra tieghi.

4. Jiena ma ghamilt xejn li huwa frawdolenti fil-konfront tal-attrici. Missieri kienu ghamilli donazzjoni u ahna ikkancellajniha, kif kellna dritt li naghmlu. Dan ma sarx bi frode ta' xi dritt, jekk ghandha, l-attrici. Lanqas il-kuntratt ta' *Datio in solutum* li ffirmajt ma' missieri ma ghamiltu bi frode tal-attrici.

5. Kull ma sar sar skond ma tippermetti l-ligi.

Illi b'digriet tas-26 ta' Marzu, 1997, stante l-mewt tal-konvenut John Vella, l-atti gew trasfuzi f'isem Dorothy Vella u Richard Vella.

Illi fis-seduta tal-15 ta’ Mejju 2001, l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**Azzjoni Pawljana**

Illi l-azzjoni proposta mill-attrici f'din il-kawza hija l-"*Actio Pauliana*" ai termini tal-Artikolu 1144 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hija qed titlob lil-Qorti tordna r-rexissjoni tal-kuntratt tas-6 t'Ottubru, 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella fejn it-tlett konvenuti annullaw donazzjoni li l-konvenuti John u Dorothy Vella kienu ghamlu lill-konvenut l-iehor Richard Vella, u tal-kuntratt tad-29 ta' Dicembru 1992 fejn il-konvenut Richard Vella ta b'titolu ta' "*datio in solutum*" lil missieru, u cioe il-konvenut l-iehor John Vella, l-fond "Jodorida", Triq il-Gardel, Marsascala.

Illi l-Artikolu 1144(1) tal-Kap 16 jipprovdi li:

*"Kull kreditur jista' wkoll f'ismu jattakka l-atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-esekuzzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili."*

**Kreditu**

Illi l-konvenuti John u Dorothy Vella fl-ewwel eccezzjoni taghhom isostnu li l-attrici ghandha tipprova n-natura u l-"*quantum*" tal-kreditu pretiz minnha u li dan il-kreditu jekk verament jezisti ma jistax jigi sodisfatt mill-assi rimanenti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-konvenut l-iehor fit-tielet eccezzjoni tieghu jghid li l-attrici m'ghandhiex kreditu kontra tieghu u allura ma tissustistiex il-bazi tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artikolu 1144 tal-Kap 16 hawn fuq citat.

L-attrici setghet tagixxi bl'azzjoni pawljana jew revokatorja ghax ghalkemm il-mara ma tistax tigi kunsidrata bhala kreditrici ta' zewgha sakemm l-komunjoni ta'

l-akkwisti ghada mhiex terminata, pero' gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et" (Vol XXXIV.p 3 p851) li :

*"Il-kelma 'kreditur' f'materja ta' azzjoni pawljana ghandha tigi interpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu pekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b'mod li jista' jesperixxi din l-azzjoni kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur.*

*Il-mara li tinsab pregudikata minn att kompjut minn zewgha, ghax dan ikun iddispona minn beni ta' l-akkwisti, tista' tipproponi din l-azzjoni wara l-mewt ta' zewgha minghajr m'hemm bzonn li qabel hija titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti……"*

Ghalhekk ghalkemm ir-ragel hu l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hu ma jista' jaghmel xejn biex jippregudika d-drittijiet ta' martu fl-istess komunjoni.

Illi mill-provi fil-kawza odjerna jirrizulta li l-attrici tikkwalifika bhala kreditrici skond id-definizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza hawn fuq imsemmija. Il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attrici u zewgha Richard Vella ghadha ma gietx likwidata definittivament stante li l-kawza ta' separazzjoni ntavolata mill-attrici (Citazzjoni Numru 1100/92 FDP) ghada pendenti fil-Qorti tal-Appell.

Inoltre mix-xhieda ta' l-attrici u tal-familjari taghha jidher li hija ghandha kreditu potenzjali kontra l-komunjoni tal-akkwisti u cioe' ghandha kreditu valutabbli pekunarjament u ghalhekk tista' tigi definita bhala kreditur ai termini tad-definizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Kummerc tal-kelma "kreditur" fl-Artikolu 1144 tal-Kap 16.

**Elementi ta' l-Actio Pauliana**

Illi z-zewg elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana huma l-"*eventus danni*" u l-"*consilium fraudis*".

*"Huwa risaput illi z-zewg elementi mehtiega sabiex tista' tigi ezercitata l-azzjoni pawljana huma (1) l-"eventus danni" bi hsara tal-kreditur domandanti, billi d-debitur bl-att impunjat ikun almenu ppeggjora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu, u (2) il-"consilium fraudis", cjoe l-intenzjoni da parti tad-debitur li jaghmel hsara lill-kreditur, u l-partecipazzjoni tat-terz kontraent f'din l-intenzjoni. Ghad-debitur, il-"consilium fraudis" jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu nsolventi bis-sahha tal-att minnu kompjut, ossija li huwa jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' nsolvenza jew ta' "minorata solvibilita". Ghat-terz jirrikorri l-"consilium fraudis" kull meta fil-waqt li qieghed jikkuntratta mad-debitur, huwa jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur." (ibid. Vol 34 p3 p 851).*

**Eventus danni**

Illi fil-fehma tal-Qorti l-attrici ppruvat sodisfacentement li r-rexissjoni tad-donazzjoni u d-"*datio in solutum*" maghmula minn zewgha l-konvenut Richard Vella kkawzalha pregudizzju fis-sens illi l-proprjeta' immobbli in kwistjoni kienet tikkostitwixxi l-akbar zewg assi tal-konvenut. Inoltre l-konvenut Richard Vella ma rnexxilux jipprova li huwa jippossjedi assi ohra li fuqhom l-attrici tista' tesegwixxi l-kreditu taghha.

Illi l-konvenut isostni li wara li miet John Vella u l-propjeta' immobbli in kwistjoni u cioe' d-dar matrimonjali ta' Richard u Brigitte Vella, u d-dar fiz-Zejtun, thallew bi prelegat lill-konvenut Richard Vella u ghalhekk m'ghadx hemm interess guridiku li titkompla l-kawza.

Illi mit-testment tal-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella u precizament mit-tieni Artikolu jirrizulta li l-konvenuta Dorothy Vella ghandha l-uzu u l-uzufrutt tal-assi rispettivi taghha u ta' zewgha John Vella. Inoltre mis-sitt Artikolu tal-imsemmi testment jidher li Dorothy Vella ghandha d-dritt tvarja t-testment in kwantu jirrigwarda gidha. L-attrici ghalhekk prezentement m'hijiex f'pozizzjoni li tesegwixxi fuq id-dar matrimonjali stante li zewgha s'issa wiret biss sehem missieru minn din il-proprjeta', u Dorothy Vella ghandha l-uzu u l-uzufrutt ta' dan is-sehem, u barra minn hekk l-istess Dorothy Vella tista' tvarja t-testment in kwantu jirrigwarda sehemha minn din il-propjeta'.

Illi jidher ghalhekk li l-ewwel element rikjest mill-ligi sabiex tissussisti l-azzjoni pawljana u cioe l-"*eventus danni*" huwa ezistenti.

**Consilium fraudis**

Illi issa jrid jigi konstatat jekk kienx jezisti t-tieni element rikjest mill-ligi biex tissussisti l-azzjoni pawljana, u cioe l-"*consilium fraudis*". Fir-rigward tal-kuntratt tas-6 t'Ottubru 1992 fejn saret ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-4 ta' Mejju, 1989 l-attrici kienet tenuta tipprova biss il-frodi da parti tad-debitur u dan ghaliex trattandosi ta' transazzjoni gratwita (rexissjoni ta' donazzjoni) il-ligi u precizament l-Artikolu 1144(3) jistabilixxi "Jekk dawn l-atti b'titolu gratwit hu bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq minn naha tad-debitur."

Illi fir-rigward tar-rexissjoni u annullament tal-kuntratt tad-29 ta' Dicembru 1992 u cioe, il-kuntratt fejn il-konvenut itrasferixxa b'titolu ta' "*datio in solutum*" id-dar matrimonjali f'Marsascala, il-prova ta' frodi hija rikjesta sia ghad-debitur kif ukoll ghat-terz (Artikolu 1144(2).

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et" (Vol XXXIX p1 p24) il-Qorti tal-Appell stabbilit li *"l-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja, imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza li l-att ser ikun leziv ghall-kreditur".*

Illi l-Qrati dejjem apprezzaw id-diffikulta li wiehed jipprova l-"*consilium fraudis*" u ghalhekk qatt ma rrikjedew prova tal-"*animus nocendi*" u dejjem irritenew li mic-cirkostanzi wiehed seta' jiddeduci l-intenzjoni tad-debitur u tat-terz li jiddefrawdaw lill-kreditur. Jghid Solazzi (Revoca degli Atti Fraudolenti pag. 116: "*Quantunque l'atto sia intrapreso per uno scopo onesto, quando non di meno si prevede che l'effetto arreca danno ai creditori, si ha sempre il-"consilium fraudis", ossia il debitore agisce "fraudandi causa" o " fraudationis causa". Chi conosce l'effetto di un atto, e tuttavia vuole l'atto, vuole anche quell'effetto; la rappresentazione dell'effetto della propria azzjoni costituisce il contenuto della volonta'*.

Illi fil-kaz in ezami c-cirkostanzi kollha jindikaw li din l-intenzjoni kienet tezisti meta l-konvenuti rrexindew id-donazzjoni u anke meta ghamlu l-kuntratt fejn giet trasferita d-dar matrimonjali b'titolu ta' "*datio in solutum*", altrimenti kif jista' jigi spjegat il-fatt li nonostante li kif jallegaw il-konjugi Dorothy u John Vella, binhom Richard m'effettwa ebda pagament mill-prezz tad-dar matrimonjali huma xorta trasferewlu b'titolu ta' donazzjoni id-dar fiz-Zejtun u li mbaghad meta nqala' l-inkwiet ma' l-attrici, il-konvenuti konjugi Vella ddecidew li jirrexindu din id-donazzjoni.

Il-fatt li l-konvenuti konjugi Vella hallew iz-zewg propjetajiet immobbli in kwistjoni b'titolu ta' prelegat lil binhom Richard, hija wkoll prova ulterjuri li l-kuntratti ta' rexissjoni tad-donazzjoni u tat-trasferiment b'titolu ta' "*datio in solutum*" tad-dar matrimonjali saru biss bhala mezz temporanju ntizi sabiex tigi defrawdata l-attrici.

Illi ghalhekk  l-element ta' "*consilium fraudis*" huwa wkoll ezistenti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi li l-kuntratt tas-6 t'Ottubru, 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, bejn it-tlett konvenuti, li bih giet rexxissa id-donazzjoni li kienet giet maghmula mill-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella b'kuntratt ta' donazzjoni tal-4 ta' Mejju, 1989 tal-fond 9, St. Joseph Street, Zejtun, kif ukoll il-kuntratt tad-29 ta' Dicembru, 1992, li fih il-konvenut Richard Vella ta b'titolu ta' "*datio in solutum*" lill-missieru il-konvenut John Vella, il-fond, Jodorida, Triq i1-Gardiel, Marsascala, fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler, saru t-tnejn biex tigi defrawdata l-attrici fil-krediti u pretensjonijiet taghha ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali taghha, fil-kawza ta' separazzjoni;

li l-imsemmija zewg kuntratti huma nulli u bla effett u konsegwentement tordna ir-rexxissjoni taghhom, it-thassir u l-annullament taghhom, u

tinnomina lin Nutar Gerard Spiteri Maempel biex jippubblika l-atti ta' rexxissjoni u thassir opportuni zmien xaghrejn mil lum; u

tinnomina lill Dr. Audrey Demicoli bhala kuratur biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti.

bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**